VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,954, 27 ta' Frar, 2018

Taqsima B

A.L. 62 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7 (b)(v) tal-Istatut taċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Teaching English to Speakers of Other Languages – M.A. TESOL - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża, ippubblikati bħala Avviż Legali 22 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (4) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (3) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(4) F'każijiet fejn l-applikanti għandhom nuqqas ta' għarfien essenzjali f'oqsma partikolari mhux ittrattati fil-kwalifiki tagħhom, il-Bord jista' jeħtieġ lill-istudenti li jidħlu fil-Kors biex isegwu u jgħaddu minn taqsima/taqsimiet studju supplimentari li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS minbarra il-programm ta' studju speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-oridnament."

4. Il-paragrafu (4) tal-ordinament 6 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (5).